MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 284/2003

**Edward Borg u Grace Calleja**

**Vs**

**Herman Mifsud u Carmen Mifsud mizzewgin flimkien**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tal-atturi sabiex il-konvenuti jizgombraw mill-fond bl-isem “Nivel” Victory Street, Gzira fi zmien qasir u perentorju li jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti prevja dikjarazzjoni ta’ inadempjenza u morozita fil-kuntratt u dikjarazzjoni ta’ xoljiment tal-kuntratt ippublikat minn Nutar Dottor Mario Rosario Bonello bl-10 ta’ Gunju 2000, kopja annessa Dok A.

Il-konvenut gew ingunti ghas-subizzjoi.

Ghall-finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat illil-valur lokatizju huwa ta' Lm2190.

Wara li rat l-anness "DokA" a fol 2 u fol 3 tal-atti kif ukoll dak verbalizzat a fol 11 u fol 12 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess talbiet jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fis-26 ta' April 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex sal-ghaxra (10) ta' Gunju 2004 jizgumbraw mill-fond bl-isem "Nivel" Victory Street, Gzira u dan wara li qed jigi dikjarat li l-istess konvenuti huma inadempjenti u moruzi fil-kuntratt imsemmi fl-istess avviz, liema kuntratt qed jigi xolt minnufih; bl-ispejjes kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------